Nru. 18,185
Prezz/Price
€3.35 (Lm1.44)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 5 ta' Frar, 2008
Tuesday, 5th February, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 115

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,180 u 18,182, tad-29 ta' Jannar u l-1 ta' Frar, 2008, rispettivament.

A.L. Nru. 31 ta' l-2008: *Product Safety Act (Cap. 427); Motor Vehicles (EC Type Approval) (Amendment) Regulations, 2008*.

A.L. Nru. 32 ta' l-2008: *Product Safety Act (Cap. 427); Type Approval of Agricultural or Forestry Tractors (Amendment) Regulations, 2008*.

A.L. Nru. 33 ta' l-2008: Att ta' l-2007 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* u Diversi Liġijiet (Att Nru. XXIX ta' l-2007); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 34 ta' l-2008: *Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Port State Control) (Amendment) Regulations, 2008*.

A.L. Nru. 35 ta' l-2008: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pilotaġġ Marittimu.

A.L. Nru. 36 ta' l-2008: Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki (Kap. 451); Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2007 dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali.

A.L. Nru. 37 ta' l-2008: Att dwar il-Kummissjoni Ċinematografika (Kap. 478); Regolamenti ta' l-2008 dwar Inċentivi Finanzjarji għall-Industrija Awdjovisiva.

GOVERNMENT NOTICES

No. 115

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,180 and 18,182 of the 29th January and the 1st February, 2008 respectively.

L.N. No. 31 of 2008: Product Safety Act (Cap. 427); Motor Vehicles (EC Type Approval) (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 32 of 2008: Product Safety Act (Cap. 427); Type Approval of Agricultural or Forestry Tractors (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 33 of 2008: Malta Standards Authority and Various Laws (Amendment) Act, 2007 (Act No. XXIX of 2007); Notice of coming into force.

L.N. No. 34 of 2008: Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Port State Control) (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 35 of 2008: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Maritime Pilotage (Amendment) Regulations, 2007.

L.N. No. 36 of 2008: Mutual Recognition of Qualifications Act (Cap. 451); Notice of coming into force of the Recognition of Professional Qualifications Regulations, 2007.

L.N. No. 37 of 2008: Malta Film Commission Act (Cap. 478) Financial Incentives for the Audiovisual Industry Regulations, 2008.

A.L. Nru. 38 ta' l-2008: *Pesticides Control Act (Cap. 430) Biocides (Amendment) Regulations 2008.*

A.L. No. 38 of 2008: Pesticides Control Act (Cap. 430) Biocides (Amendment) Regulations 2008

A.L. Nru. 39 ta' l-2008: Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* (Kap. 419) Ordni ta' l-2008 dwar it-Twaqqif ta' Direttorati fl-Awtorità Maltija dwar l-I*standards*.

A.L. No. 39 of 2008: Malta Standards Authority Act (Cap. 419) Estabishment of Directorates of the Malta Standards Authority Order, 2008.

A.L. Nru. 40 ta' l-2008: Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta (Kap. 332) Regolamenti ta' l-2008 dwar Uffiċjali ta' Infurzar ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

A.L. No. 40 of 2008: Malta Transport Authority Act (Cap. 332) Malta Transport Authority (Enforcement Officers) Regulations, 2008.

A.L. Nru. 41 ta' l-2008: Att dwar il-Provvisti u s-Servizzi (Kap. 117) Regolamenti ta' l-2008, Emmenda dwar Servizzi ta' Konsulenza fil-Qasam ta' l-Agrikoltura.

A.L. No. 41 of 2008: Supplies of Services Act (Cap. 117) Farm Advisory Services (Amendment) Regulations, 2008.

A.L. Nru. 42 ta' l-2008: Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460) Ordni ta' l-2008 dwar it-Trattat ta' Lisbona.

A.L. No. 42 of 2008: European Union Act (Cap. 460) Treaty of Lisbon Order, 2008.

A.L. Nru. 43 ta' l-2008: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta (Kap. 332) Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq.

L.N. 43 of 2008. Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) Malta Transport Authority Act (Cap. 332) Motor Vehicle Roadworthiness Test (Amendment) Regulations, 2008.

A.L. Nru. 44 ta' l-2008: Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423), Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352), Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234) Regolamenti ta' l-2008 dwar il-Kwalità tal-Karburanti.

L.N. 44 of 2008. Malta Resources Authority Act (Cap. 423), Malta Maritime Autority Act (Cap. 352), Merchant Shipping Act (Cap. 234) Quality of Fuels Regulations, 2008.

A.L. Nru. 45 ta' l-2008: Regolamenti ta' l-2007 dwar Kumpens għal Ħsara Kkawżata mill-Kriminalità. (A.L. 190 ta' l-2007), Ordni ta' l-2008 dwar Ħatra ta' l-Awtorità għall-Assistenza.

L.N. 45 of 2008. Criminal Injuries Compensation Regulations, 2007 (L.N. 190 of 2007) Nomination of Assisting Authority Order, 2008.

A.L. Nru. 46 ta' l-2008: Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Proċeduri Ċivili (Regolament tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u ta' Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti Oħra).

L.N. 46 of 2008. Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12) Civil Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director General (Courts) and Other Court Executive Officers) (Amendment) Regulations, 2008.

A.L. Nru. 47 ta' l-2008: Kodiċi Kriminali (Kap. 9) Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Proċedura Kriminali (Regolamenti tar-Reġistri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati u Uffiċjali Eżekuttivi tal-Qorti oħra).

L.N. 47 of 2008: Criminal Code (Cap. 9) Criminal Procedure (Regulation of Registries, Archives and Functions of Director General (Courts) and Other Court Executive Officers) (Amendment) Regulations, 2008.

A.L. Nru. 48 ta' l-2008: Att ta' l-2007 li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Att VIII ta' l-2007) Avviż ta'dħul fis-seħħ.

L.N. 48 of 2008: Civil Code (Amendment) Act, 2007 (Act XIII of 2007. Commencement Notice.

A.L. Nru. 49 ta' l-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) Emendi għall-Istatut I 17 - Statut għat-Twaqqif tal-Foundation of International Studies bħala Enti ta' l-Università.

L.N. 49 of 2008: Education Act (Cap. 327) Statute I 17 - Foundation for International Studies (Establishment as University Entity) Statute (Amendments), 2008.

Il-5 ta' Frar, 2008

5th February, 2008

Nru. 116

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Ħatra ta' Membru Indipendenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 (2) (b) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356), il-Prim Ministru ħatar lill-Perit Joseph Farrugia bħala membru indipendenti ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, minflok il-Perit Catherine Galea, għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-30 ta' Jannar, 2008.

L-1 ta' Frar, 2008

No. 116

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Appointment of Independent Member

IN virtue of the powers granted by article 3 (2) (b) of the Development Planning Act (Cap. 356), the Prime Minister has appointed Architect Joseph Farrugia, as an independent member of the Malta Environment and Planning Authority, replacing Architect Catherine Galea, for a period of three years with effect from 30th January, 2008.

1st February, 2008

Nru. 117

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Ħatra ta' Membru Indipendenti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 (2) (b) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356), il-Prim Ministru ħatar lil Dott. Joseph A. Schembri bħala membru indipendenti ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, minflok il-Perit Peter Zammit, għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mit-30 ta' Jannar, 2008.

L-1 ta' Frar, 2008

No. 117

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Appointment of Independent Member

IN virtue of the powers granted by article 3 (2) (b) of the Development Planning Act (Cap. 356), the Prime Minister has appointed Dr Joseph A. Schembri, LL.D. as an independent member of the Malta Environment and Planning Authority, replacing Architect Peter Zammit, for a period of three years with effect from 30th January, 2008.

1st February, 2008

Nru. 118

BORD KONSULTATTIV TA' L-INDUSTRIJA TAL-BINI

NGĦARRFU li l-Bord Konsultattiv ta' l-Industrija tal-Bini nħatar mill-ġdid għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mis-16 ta' Novembru 2007.

Chairman
Il-Perit Robert Musumeci

Membri
Is-Sur Stephen Sant Fournier
Is-Sur Trafford Busuttil
Il- Perit Philip Grech
Is-Sur Aldo Busuttil
Is-Sur Jesmond Bonello

No. 118

BUILDING INDUSTRY CONSULTATIVE COUNCIL

IT is notified that the Building Industry Consultative Council has been reconstituted for a period of three years with effect from the 16th November, 2007.

Chairman
Architect Robert Musumeci

Members
Mr Stephen Sant Fournier
Mr Trafford Busuttil
Architect Philip Grech
Mr Aldo Busuttil
Mr Jesmond Bonello

Is-Sur Charles A. Zahra
Is-Sur Frank V. Farrugia
Il-Perit David Xuereb
Is-Sur Tony Schembri
Is-Sur Joseph Cutajar
Il-Perit Stefan Scotto
Is-Sur Raymond Camilleri
Ing. Alan Abela
Is-Sur Jimmy Calleja
Is-Sur Anglu Xuereb
Is-Sur Charles Agius
Is -Sur Pawlu Bugeja
Is -Sur Tristan Camilleri
Ing. Francis E. Farrugia
Is-Sinjorina Sandra Magro
Is- Sinjorina Marisa Micallef
It-Tabib Anton Felice
Is-Sur Anthony Sammut
Il-Perit Joseph Scalpello
Is-Sur Sandro Chetcuti
Is-Sur Vincent Farrugia

Segretarju
Is-Sur Claudio Tonna

Il-5 ta' Frar, 2008

Mr Charles A. Zahra
Mr Frank V. Farrugia
Architect David Xuereb
Mr Tony Schembri
Mr. Joseph Cutajar
Arch. Stefan Scotto
Mr Raymond Camilleri
Ing Alan Abela
Mr Jimmy Calleja
Mr Anglu Xuereb
Mr Charles Agius
Mr Pawlu Bugeja
Mr Tristan Camilleri
Ing Francis E. Farrugia
Ms Sandra Magro
Ms Marisa Micallef
Dr Anton Felice
Mr Anthony Sammut
Architect Joseph Scalpello
Mr Sandro Chetcuti
Mr Vincent Farrugia

Secretary
Mr Claudio Tonna

5th February, 2008

Nru. 119

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 14 ta' l-imsemmi Att kif ġej:–

No. 119

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
05. 02. 08	€20.342 (Lm8.73,3)	€0.395 (Lm0.17,0)

Il-5 ta' Frar, 2008

5th February, 2008

Nru. 120

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 120

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Alfred Schembri	77059 (M)	"Prince", Triq il-Brolli, Birżebbuġa
Melanie Galea	321485 (M)	"Our Nest", Triq il-Prinċipessa Margaret, Msida
Silvio Schembri	407585 (M)	58, Triq Ġanni Bonnici, Żebbuġ
Maria Dolores Balzan	506462 (M)	2, "Qasam tal-Bini tal-Gvern (Ricasoli), Kalkara
Bridget Grech	283571 (M)	57, "Chanel", Triq Karmenu Vassallo, Iklin
Ninian Mangion	354387 (M)	57, Triq Sant' Orsla, Valletta
Marco Ellul	211578 (M)	7, Vjal Simmons, Tarxien
Kevin Mallia	497173 (M)	"Mardi Gras", Triq tal-Labour, Żabbar
Isabella Micallef	24370 (M)	"Isola Bella", Flat 1, Triq Dijonisju Famucelli, Msida
Qasim Jameel Mitchell	42685 (A)	7, "Gringu", Flat 2, Triq il-Bandli, Birżebbuġa
Carmel Cortis	667354 (M)	7, "Żernieq", Triq in-Newl, Żebbuġ
Lawrence Vella	785053 (M)	10, "Mayflower", Triq Bacchus, Attard
George Anthony Ballucci	9586 (G)	68, Triq il-Kappillan Hili, Fontana, Għawdex
Alex Camilleri	228570 (M)	56, "Charel", Triq Misraħ il-Barrieri, Santa Venera
Joseph Camilleri	168747 (M)	Flat 3, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Triq Mahatma Gandhi, Blokk C4, Fgura
Malcolm Sultana	309081 (M)	44, "Casa Dalli", Triq Manoel De Vilhena, Gżira
Concingia Concetta Calleja	399396 (M)	36, Triq l-Indipendenza, Għargħur
Emanuel Portelli	302163 (M)	68, "Maria", Triq il-Liedna, Fgura
Godfrey Galea	400092 (M)	"Paradise Garden", Triq il-Kraba, Xewkija, Għawdex

Mario Farrugia	675651 (M)	Blokk O, Flat 2, Triq il-Ġilju, Santa Lucia
Maria Cachia	516065 (M)	9, "Ta' l-Ispanjol", Triq San Pawl, Safi
Clint Scerri	453184 (M)	116, Triq San Gejtanu, Ħamrun
George Grima	81074 (M)	1, Flat 4, Triq l-Ordinanza, Valletta
Josephine Debono	500261 (M)	59, "White Rose", Triq l-Isqof Angelo Portelli, Pembroke
Lawrence Attard	171757 (M)	17, Triq San Ġiljan, Isla
Fontaine Pace	64488 (M)	22, Triq San Ġużepp, Qormi
Roderick Farrugia	160389 (M)	61, "Tal-Karmnu", Triq l-Inġiniera, Żurrieq
Karl Bugeja	185187 (M)	29, "Goldney", Triq il-Karenza, Balzan.
Anthony Frederick Tanti	125088 (M)	"Kopend", Triq tal-Qattus, Birkirkara
Luciano Camilleri	279152 (M)	73, Triq George Borg Olivier, Rabat
Salvino Bugeja	240461 (M)	Azzopardi Court, Flat 5, Triq l-Għabex, San Pawl il-Baħar
Renard Cassar	451283 (M)	8, "Dor Twan", Triq Amleto Spiteri, Qormi
Josephine Falzon Fava	19461 (M)	"Arcades", Triq Ġużè Muscat Azzopardi, Qormi
Audrey Azzopardi	217764 (M)	134, "Petrify", Triq il-Merħba, Fgura
Sandra Moran	119569 (M)	14, "Paradise", Triq Sammat, Paola
Alexander Muscat	240776 (M)	65, "Madonna tal-Karmnu", Triq San Pawl, Mġarr
Marco Farrugia	160782 (M)	5, Triq il-Parroċċa, Qrendi
Omar Hsuni	363489 (M)	Blokk H, Flat 6, Triq Jean Houel, San Ġiljan
Chantelle Vella	272178 (M)	"St. Andrew's Court", Flat 2, "Marlene", Triq Wied il-Knejjes, Luqa

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-5 ta' Frar, 2008

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

5th February, 2008

Nru. 121

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
241	Sikasa Court Triq it-Torri Msida	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	24/01/2008
242	St Patrick Court Triq il-Punent Msida	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	28/01/2008
243	Victoria Mansions Triq id-Dejqa Naxxar	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	28/01/2008

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Din in-Notifikazzjoni tal-Gvern ħassar dik ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,182 ta' l-1 ta' Frar, 2008 f'paġna 832.

Il-5 ta' Frar, 2008

No. 121

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
241	Sikasa Court Triq it-Torri Msida	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	24/01/2008
242	St Patrick Court Triq il-Punent Msida	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	28/01/2008
243	Victoria Mansions Triq id-Dejqa Naxxar	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	28/01/2008

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

This Government Notice supersedes the one published in the Government Gazette No. 18,182 of the 1st February, 2008 on page 832.

5th February, 2008

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda ta' Regola

Ordni Nru. 01

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 2 ta' "Youthscope Coop Ltd." ġiet emendata. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fl-4 ta' Jannar, 2008, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Tony Muscat
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

L-4 ta' Jannar, 2008
CB 34/79/76

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rule

Order No. 01

It is hereby notified that rule number 2 of "Youthscope Coop Ltd." has been amended. The Co-Operatives Board has duly registered it on the 4th January, 2008, in accordance with the provisions of section 35 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Tony Muscat
Chairperson
Central Office of Co-operatives

4th January, 2008

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda ta' Regola

Ordni Nru. 02

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 2 ta' "Vista Cooperative Society Limited" ġiet emendata. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fl-4 ta' Jannar, 2008, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Tony Muscat
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

L-4 ta' Jannar, 2008
CB 34/79/89

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rule

Order No. 02

It is hereby notified that rule number 2 of "Vista Cooperative Society Limited" has been amended. The Co-Operatives' Board has duly registered it on the 4th January, 2008, in accordance with the provisions of section 35 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Tony Muscat
Chairperson
Central Office of Co-operatives

4th January, 2008

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda ta' Regola

Ordni Nru. 03

Ngħarrfu b'dan illi regola numru 1 ta' "Organizzazzjoni APEX tal-Koperattivi Maltin Limitata" ġiet emendata. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fl-4 ta' Jannar, 2008, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 35 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Tony Muscat
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

L-4 ta' Jannar, 2008
CB 34/79/37

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rule

Order No. 03

It is hereby notified that rule number 1 of "Organizzazzjoni APEX tal-Koperattivi Maltin Limitata" has been amended. The Co-Operatives' Board has duly registered it on the 4th January, 2008, in accordance with the provisions of section 35 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Tony Muscat
Chairperson
Central Office of Co-operatives

4th January, 2008

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Għaqda

Ordni Nru. 04

Billi l-"Koperattiva Għawdxija Bdiewa tas-Serer Limitata" li ġiet reġistrata fit-18 ta' Ġunju 2001, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skond u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 100 (2) ta' l-Att ta' l-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u tinnomina lis-Sur Charles Scerri, BA (Hons) Accty, FIA, CPAA ta' 10/2, Triq il-Mensija, San Ġwann, bħala likwidatur.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

Is-26 ta' April, 2007
CB 5/07

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding Up Order

Order No. 04

Whereas the "Koperattiva Għawdxija Bdiewa tas-Serer Limitata" which was registered on 18th June 2001, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of Section 100 (2) of the Co-operative Societies 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr Charles Scerri, BA (Hons) Accty, FIA, CPAA of 10/2, Triq il-Mensija, San Ġwann, to be liquidator.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

26th April, 2007

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Għaqda

Ordni Nru. 05

Billi l-"Dwejra Boat Rides Co-operative Limited" li ġiet reġistrata fit-8 ta' Ottubru 2001, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skond u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 100 (2) ta' l-Att ta' l-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u tinnomina lis-Sur Charles Scerri, BA (Hons) Accty, FIA, CPAA ta' 10/2, Triq il-Mensija, San Ġwann, bħala likwidatur.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

Is-26 ta' April, 2007
CB 6/07

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding Up Order

Order No. 05

Whereas the "Dwejra Boat Rides Co-operative Limited" which was registered on 8th October 2001, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of Section 100 (2) of the Co-operative Societies Act 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr Charles Scerri, BA (Hons) Accty, FIA, CPAA of 10/2, Triq il-Mensija, San Ġwann, to be liquidator.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

26th April, 2007

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Xoljiment ta' Għaqda

Ordni Nru. 06

Billi l-"Koperattiva Għawdxija Produtturi tal-Ġbejniet Limitata" li ġiet reġistrata fit-3 ta' April 2003, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjetà msemmija għandha tiġi maħlula skond u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 100 (2) ta' l-Att ta' l-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u tinnomina lis-Sur Charles Scerri, BA (Hons) Accty, FIA, CPAA ta' 10/2, Triq il-Mensija, San Ġwann, bħala likwidatur.

Is-Sur Mario Falzon
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

Is-26 ta' April, 2007
CB 4/07

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Winding Up Order

Order No. 06

Whereas the "Koperattiva Għawdxija Produtturi tal-Ġbejniet Limitata" which was registered on 3rd April 2003, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of Section 100 (2) of the Co-operative Societies Act 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr Charles Scerri, BA (Hons) Accty, FIA, CPAA of 10/2, Triq il-Mensija, San Ġwann, to be liquidator.

Mr Mario Falzon
Chairperson
Central Office of Co-operatives

26th April, 2007

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Reġistrazzjoni

Ordni Nru. 07

Ngħarrfu b'dan illi s-Soċjetà li ġġib l-isem "What Matters Co-operative Limited" u r-regoli tagħha ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fil-11 ta' Jannar, 2008, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 29 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Tony Muscat
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

Il-11 ta' Jannar, 2008
CB 34/79/104

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Registration

Order No. 07

It is hereby notified that the Society under the name "What Matters Co-operative Limited" and its rules were definitely registered by the Co-Operatives Board on the 11th January 2008, in accordance with the provisions of Section 29 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Tony Muscat
Chairperson
Central Office of Co-operatives

11th January, 2008

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Reġistrazzjoni

Ordni Nru. 08

Ngħarrfu b'dan illi s-Soċjetà li ġġib l-isem "Farm Advisory Services Co-op Ltd." u r-regoli tagħha ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fil-11 ta' Jannar, 2008, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 29 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Tony Muscat
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

Il-11 ta' Jannar, 2008
CB 34/79/106

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Registration

Order No. 08

It is hereby notified that the Society under the name "Farm Advisory Services Co-op Ltd." and its rules were definitely registered by the Co-Operatives Board on the 11th January 2008, in accordance with the provisions of Section 29 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Tony Muscat
Chairperson
Central Office of Co-operatives

11th January, 2008

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Reġistrazzjoni

Ordni Nru. 09

Ngħarrfu b'dan illi s-Soċjetà li ġġib l-isem "Knowledge Matters Co-op Ltd." u r-regoli tagħha ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fil-11 ta' Jannar, 2008, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 29 (1) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-2001.

Is-Sur Tony Muscat
Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

Il-11 ta' Jannar, 2008
CB 34/79/105

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Registration

Order No. 09

It is hereby notified that the Society under the name "Knowledge Matters Co-op Ltd." and its rules were definitely registered by the Co-Operatives Board on the 11th January 2008, in accordance with the provisions of Section 29 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Tony Muscat
Chairperson
Central Office of Co-operatives

11th January, 2008

DIPARTIMENT TA' L-AVJAZZJONI ĊIVILI

Ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd li ma ngħatawx kuntratti mid-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Ċivili matul il-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru, 2007.

Il-5 ta' Frar, 2008

CIVIL AVIATION DEPARTMENT

It is notified for general information that no contracts were awarded by the Civil Aviation Department during the period between 1st October and 31st December, 2007.

5th February, 2008

DIVIŻJONI TA' L-EDUKAZZJONI

Ingaġġ ta' Skrivani *Part-Time* f'Kulleġġi Statali

Id-Direttur Ġenerali - Servizzi Edukattivi jgħarraf li qed jilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ ta' skrivani fuq bażi *part-time* biex iwettqu dmirijiet f'dawn il-Kulleġġi:

St Nicholas College
St Theresa College
St Thomas More College
Special and Inclusive Education Network, Triq Fra Gaetano Pace Forno, il-Ħamrun

2. Il-ħlas ikun bir-rata ta' €4.81 (Lm2.06) għal kull siegħa maħduma. L-iskrivani *part-time* ikunu intitolati għall-*bonus* annwali u l-ħlas supplimentari ta' kull ġimgħa, it-tnejn fuq bażi *pro-rata* skond in-numru ta' sigħat maħduma.

3. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mill-Gvern jew mir-rappreżentant tiegħu jew inkella mill-istess skrivan *part-time,* f'kull żmien, billi jingħata avviż bil-miktub ġimgħa qabel, bla ma tingħata raġuni. L-ingaġġ ikun sospiż xorta waħda għal matul il-vaganzi ta' l-iskola tas-Sajf jew inkella matul parti minnhom.

4. Il-kandidati li jintgħażlu huma mistennija li jaħdmu bejn l-20 u l-25 siegħa fil-ġimgħa, normalment ħames sigħat kull ġurnata, fil-ħinijiet ta' l-iskola.

5. Permezz taċ-Ċirkulari MPO Nru. 107/2007 u l-Avviż Legali 46/2007, il-*Part-time Clerks* għandhom ikunu stmati skond l-Avviż Legali 427/2002. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet tas-Servizz li japplikaw għal uffiċjali pubbliċi *full-time* kif indikat fil-Public Service Management Code japplikaw *pro-rata* għall-*Part-time Clerks*.

6. Il-kandidati għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-EU dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-EU);

jew

EDUCATION DIVISION

Engagement of Part-Time Clerks in State Colleges

The Director General - Education Services invites applications for the engagement of clerks on a part-time basis to perform duties in the following Colleges:

St Nicholas College
St Theresa College
St Thomas More College
Special and Inclusive Education Network, Triq Fra Gaetano Pace Forno, Ħamrun

2. Remuneration will be at the rate of €4.81 (Lm2.06) for every hour worked. Part-time clerks will also be entitled to the annual bonus and the weekly income supplement both on a pro-rata basis according to the number of hours worked.

3. The engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by the Government or his lawful representative, or by the part-time clerk at any time, by giving a week's notice in writing without specifying any reason therefore. The engagement will however be suspended for the whole or part thereof, of the School Summer holidays.

4. Selected candidates will be expected to work between 20 and 25 hours a week, normally 5 hours a day, during school hours.

5. By virtue of MPO Circular 107/2007 and Legal Notice 46/2007, Part-time Clerks are entitled to be treated as per Legal Notice 427/2002. Moreover all the conditions of service applicable to whole time public officers in the Public Service Management Code also apply to them on a pro-rata basis.

6. Candidates must:-

(a) (i) be citizens of Malta;

or

(ii) citizens of another European Union Member State;

or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

or

(iv) il-kunjugi u tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija;

(ċ) (i) ikollhom ċertifikat tal-*GCE*/Matrikola/*SEC*/*Matsec* (1-5) li juru *"passes"* fil-Livell Ordinarju fil-Malti, Lingwa Ingliża u l-Matematika u f'żewġ suġġetti oħra jew kwalifiki komparabbli.

JEW

(ii) jipprovdu evidenza li turi li huma kellhom impieg regolari mal-Gvern ta' Malta fi grad ta' mhux inqas minn skrivan.

(d) ikollhom *'passes'* f'*Modules* 2,3,4 ta' l-ECDL;

JEW

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni).

(g) (i) Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-Management and Personnel Office.

(ii) Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lit-Taqsima tal-*Customer Care* tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol u tkun ikkupjata lill-KNPD.

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) must have the ability to communicate in the Maltese Language;

(c) (i) be in possession of GCE/Matriculation/SEC/Matsec (1-5) certificates showing passes at ordinary level in Maltese, English Language and Mathematics and at least two other subjects or comparable qualifications;

OR

(ii) produce evidence that they had held a regular employment with the Malta Government not below the grade of clerk;

(d) be in possession of passes in Modules 2,3,4 of the ECDL;

OR

(e) be of good moral character (a Police certificate of conduct issued within 6 months prior to the closing date of applications should be provided);

(g) (i) Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office.

(ii) Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Customer Care Section of the Ministry of Education, Youth and Employment and copied to the NCPD.

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom jiġu mehmuża ma' l-applikazzjoni). L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi sottomess għall-verifikazzjoni fil-ħin ta' l-intervista.

8. L-applikanti li jiġu kkonfermati jkollhom il-*passes* f'*Modules* 2,3,4 tal-ECDL, indikati f'paragrafu 6 d(i) hawn fuq, ikunu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adatti għall-post ta' skrivan *part-time*.

9. L-ordni tal-meritu finali għal kull Kulleġġ ma tibqax valida wara sentejn mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

10. Il-post vakanti u kull vakanza oħra li tinħoloq fl-istess skola timtela skond l-ordni tal-mertu finali li tkun ġiet stabbilita wara l-intervista.

11. Il-kandidati magħżula jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

12. (a) Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta u li jistgħu jinġabru mit-Taqsima tal-*Customer Care*, Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, il-Furjana, jintlaqgħu mill-istess Taqsima sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, it-22 ta' Frar 2008.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta sad-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet, permezz tal-*fax* jew inkella permezz ta' messaġġ ieħor simili jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien.

13. (a) L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta bil-miktub mit-Taqsima tal-*Customer Care* dak il-ħin stess.

(b) Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. L-applikazzjonijiet jingħataw irċevuta bil-miktub mit-Taqsima tal-*Customer Care* fi żmien sebat ijiem.

14. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Dan l-avviż iħassar dak ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,182 ta' l-1 ta' Frar, 2008.

Il-5 ta' Frar, 2008

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview stage).

8. Eligible applicants who are confirmed to be in possession of the required passes in modules 2,3 and 4 of the ECDL Certificate indicated in paragraph 6d(i) above, will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post of part-time clerk.

9. The validity of the final order of merit put up for each College will expire after two years from the publication of the final result.

10. The vacant Post and any subsequent vacancy arising in each particular school will be filled in accordance with the final order of merit put up after the interview.

11. Successful candidate/s selected to fill the vacant post/s will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

12. (a) Applications on the prescribed form which are available from the Customer Care Section, Ministry of Education, Youth and Employment, Floriana, will be received by the same Section by not later than noon of Friday, 22nd February 2008.

(b) Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the school by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Customer Care Section and a receipt will be given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Section within seven days.

14. Late applications will not be considered.

This notice supersedes the one published in the Government Gazette No. 18,182 of the 1st February, 2008.

5th February, 2008

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Il-*London Chamber of Commerce and Industry*
Series 3 2008

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li ħa jagħmlu l-Eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry* - Series 3 2008 illi applikazzjonijiet jiġu aċċettati minn nhar it-Tnejn, il-25 ta' Frar, 2008 sa nhar il-Ġimgħa, is-7 ta' Marzu, 2008 mit-8.00 a.m. sa nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.30 p.m. kif ġej:-

Kandidati f'Malta:-
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
il-Furjana.

Kandidati f'Għawdex:-
Ċentru ta' l-Eżamijiet,
ir-Rabat, Għawdex.

Dettalji dwar il-ħlas u s-suġġetti disponibbli jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji msemmija hawn fuq.

L-applikanti jistgħu jagħżlu li jibagħtu l-applikazzjoni *on-line* fuq www.exams.gov.mt. Ir-reġistazzjoni *on-line* tkun disponibbli bejn it-Tnejn, il-25 ta' Frar 2008 u t-Tnejn, l-10 ta' Marzu 2008 fl-4.00 p.m.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex u mill-*website* tad-Dipartiment fuq www.exams.gov.mt

Il-5 ta' Frar, 2008

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The London Chamber of Commerce and Industry
Series 3 2008

The Director of Examinations notifies candidates intending to sit for the London Chamber of Commerce and Industry - Series 3 2008 Examinations that application forms will be received from Monday, 25th February, 2008 till Friday, 7th March, 2008 from 8.00 a.m. to noon and from 1.30 p.m. to 4.30 p.m. as follows:-

Malta Candidates:-
Examinations Department,
Floriana.

Gozo Candidates:-
Examinations Centre,
Victoria, Gozo.

Details regarding fees and subjects available may be obtained from the above offices.

Applicants have also the option to send their application on-line on www.exams.gov.mt. The on-line registration will be available between Monday, 25th February 2008 up to Monday, 10th March 2008 till 4.00 p.m.

Other details may be obtained from the Examinations Department, Floriana and the Examination Centre, Victoria, Gozo or the Department's website on www.exams.gov.mt.

5th February, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-14 ta' Frar, 2008, għal:

CT 412/2007. *Enhancement of Occupational Skills of Support Staff* fl-Isptar San Luqa - Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u l-Kura tal-Komunità

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea taħt il-Programm tal-Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006.

(*Budget* Allokat: €66,100.75 (Lm28,376.73) mingħajr V.A.T.).

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following Advt.isements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 14th February, 2008, for:

CT 412/2007. Enhancement of Occupational Skills of Support Staff at St Luke's Hospital - Ministry for Health, Elderly and Community Care.

This is a Services Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Allocated Budget: €66,100.75 (Lm28,376.73) excluding V.A.T.).

CT 413/2007. Provvista u stallazzjoni ta' *turf* artifiċjali *(FIFA 2 Star Recommended System)* fil-*playground* tal-Mellieħa - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €81.53 (Lm35) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Frar, 2008, għal:

CT/A/1/2008. *Malta South Sewage Transmission gallery* mill-Kalkara sa Ta' Baskat, limiti tax-Xgħajra - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kopja tad-dokument ta' l-offerta jista' jitniżżel mill-*website* http://www.wsc.com.mt

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ERDF - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* Allokat: €2,318,891.22 (Lm995,488.63) mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-28 ta' Frar, 2008, għal:

CT 1/2008. Preparazzjoni ta' *Master Plan* għaċ-Ċittadella, il-belt fortifikata l-antika fil-gżira ta' Għawdex, Malta - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' €115 (Lm49.37) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta ko-finanzjata mill-EEA: l-Islanda, Liechtenstein u n-Norveġja.

(*Budget* Allokat: €300,000.00 (Lm128,788.53) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Jannar 2008.

CT 384/2007. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-Proġett tal-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali - Ministeru għall-Iżvilupp Urbani u Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €465.88 (Lm200) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2007.

CT 5/2008. Xogħlijiet mekkaniċi u ta' l-elettriku fis-Swali St Jeanne Antide fl-Isptar Monte Karmeli - Sptar Monte Karmeli. Irid jitħallas dritt ta' €232 (Lm100) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 6/2008. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' važi tal-franka għal diversi proġetti - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €46 (Lm19.75) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-4 ta' Marzu, 2008, għal:

CT 2/2008. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' konkos tat-tip *ready mix* għal użu ġenerali u marittimu f'Malta (2008/2009) (Reġjuni tat-Tramuntana u Nofsinhar) lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 413/2007. Supply and installation of artificial turf (FIFA 2 Star Recommended System) at the Mellieħa playground - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €81.53 (Lm35) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 19th February, 2008, for:

CT/A/1/2008. Malta South Sewage Transmission gallery from Kalkara to Ta' Baskat, limits of Xgħajra - Water Services Corporation. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.wsc.com.mt

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €2,318,891.22 (Lm995,488.63) excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 28th February, 2008, for:

CT 1/2008. Preparation of a Master Plan for the Cittadella - the old fortified city on the island of Gozo, Malta - Ministry for Gozo. A fee of €115 (Lm49.37) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is co-financed by the EEA: Iceland, Liechtenstein and Norway.

(Allocated Budget: €300,000.00 (Lm128,788.53) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd January 2008.

CT 384/2007. Construction works at the Ta' Qali Crafts Village Project - Ministry for Urban Development and Roads. A fee of €465.88 (Lm200) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2007.

CT 5/2008. Mechanical and electrical works at St Jeanne Antide Wards in Mount Carmel Hospital - Mount Carmel Hospital. A fee of €232 (Lm100) will be charged for each copy of tender document.

CT 6/2008. Period contract for the supply of large franka stone blocks for various projects - Works Division. A fee of €46 (Lm19.75) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 4th March, 2008, for:

CT 2/2008. Period contract for the supply of ready mix concrete for general and maritime use in Malta (2008/2009) (North and South Region) to the Procurement Section of the Contracts Department.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' Jannar 2008.

CT 7/2008. Provvista ta' qliezet u dbielet tas-sajf - Dipartiment tal-Pulizija ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €10 (Lm4.29) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, is-6 ta' Marzu, 2008, għal:

CT 8/2008. Kuntratt perjodiku għal kiri ta' karozzi *self drive* – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 (Lm30.05) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 9/2007. *Upgrading* tal-Coastline Promenade tax-Xgħajra fix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €230.00 (Lm98.74) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 10/2007. Xogħlijiet ta' toroq tal-Coastline Promenade tax-Xgħajra fix-Xgħajra, Ħaż-Żabbar – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €115.00 (Lm49.37) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

